# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kawza tal-VAT

Il-Pulizija

Vs

Roque Borg

Illum, 07 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Roque Borg**, bin Crucifisso u Mary Anne nee' Aquilina imwieled fil-hmistax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebghin (15.11.1970) u residenti 11, Residential Bldg, Fl 11, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta tal-identita' numru 499370 M li ghandu l-indirizz tan-negozju Breakpoint Building, no. 12, Triq il-Brankutli, Qawra, San Pawl il-Bahar, Malta fuq tal-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi akkuzat talli ghan nom u in rapprezentanza ta' ALKY CATERING COMPANY LIMITED (C 52716) u / jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, inqast sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fin intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lil Kummissarju tat-Taxxi (7) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perijodi li ntemmu fil-

31 ta' Mejju, 2014 sat-30 ta' Novembru, 2015 u dan bi ksur tal-artikolu 30, 66, 76(c) u 76 (d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija:

(i) Tinfliggi l-piena skont il-ligi; jew

(ii) Minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, fuq talba tal-Prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien ma ghandux jeccesi t-tlett xhur, taht multa ta' € 5 ghal kull jum li dan in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2023;

Semghet ix-xhieda tal-imputat fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2023;

Rat li l-kawza giet differita' ghas-sentenza.

Rat l-artikoli 30, 66, 76(c) u 76 (d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha

Ikkunsidrat

Provi tal-Prosekuzzjoni

Rat id-dokumenti ezebiti (Dokument A) mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2023 li jikkonsistu.

a) F' talba tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 10 ta' April, 2017 sabiex il-Kummissarju tal-Pulziija jipprocedi kriminalment kontra l-imputat.
b) L-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-VAT tal-imputat Roque Borg qua direttur ghan-nom ta' Alky Catering Company Limited (C 52716) datata 12 ta' Mejju, 2011.
c) Dettalji tal-kumpanija.
d) Dettalji tal-imputat.

Provi tal-intimat

**Roque Borg**, l-imputat, xehed fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2023. Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-2014 u 2015 ghamilx ir-returns u hallas li kellu jhallas, l-imputat jirrispondi li kien

hemm stima minn naha tad-dipartiment u l-financial representative tieghu ikkontestaha u qehdin fi stadju.
Jikkonferma li r-returns ghamilhom late submission.

Ikkunsidrat

L-imputat huwa akkuzat talli bejn 31 ta' Mejju, 2014 u 30 ta' Novembru, 2015 naqas sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fin intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lil Kummissarju tat-Taxxi (7) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut.

Ikkunsidrat
Illi fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Novembru, 2023 l-imputat taht gurament ammetta li huwa ghamel late submission. Huwa ikkonferma ukoll li ghadu ma hallas dak li huwa dovut ghaliex skont hu r-rapprezentant tieghu finanzjarju ikkontesta l-istejjem. Il-Qorti tikkonstata li l-imputat ma ressaq ebda' prova dwar din l-allegat kontestazzjoni.

Fuq l-ammissjoni tal-imputat stess  il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal imputazzjoniet migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Il-Qorti qed tiehu ukoll in konsiderazzjoni li l-akkuzi jirretlataw ghal denunzji li jirriferu ghal-perijodu ta' bejn 31 ta' Mejju, 2014 u 30 ta' Novembru, 2015 u li minkejja t-trapass ta' zmien l-imputat ghadu ma regolarizzax is-sitwazzjoni u ma hallas dak li hu dovut minnu.

**Decide**

Ghaldawn ir-ragunijiet l-Qorti wara li rat l-artikoli 30, 66, 76(c) u 76 (d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Roque Borg**  hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal multa ta' tlett elef ewro (€ 3000.00).

Il-Qorti b' applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat jikkonforma ruhu sa tlett xhur mill-lum u fin-nuqqas l-imputat qed jigi ikundannat ihallas  multa oħra ta' ħames euro (€5) għal kull ġurnata li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi t-terminu ta'  tlett xhur mogħti mill-Qorti.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**